# L-INKWIŻITURI F'MALTA U T-TIFKIRIET TAGĦHOM

Meta nitkellmu fuq l-Inkwiżizzjoni, irridu nagħmlu distinzjoni bejn il-kunċett ta' Inkwiżizzjoni ta' qabel il-Konċilju ta' Trentu ta' bejn l-1540 u l-1560 u l-Inkwiżizzjoni ta' wara. L-agħar Inkwiżizzjoni kienet dik Spanjola, li ma kellniex f'Malta. Aħna kellna l-Inkwiżizzjoni Rumana u appena ġie l-ewwel Inkwiżitur beda jberraq bejnu u l-Isqof u l-Gran Mastru. Kulħadd ried li jikkmanda hu. Iżda biex insiru nafu fuq dan il-perjodu mqalleb, li ħallielna bosta informazzjoni fuq il-ħajja antika ta' niesna, intervistajt lil Gabriel Farrugia, Assistent Riċerkatur fl-Arkivji tal-Katidral fl-Imdina.

**Minn Charles B. Spiteri**



**Mela kif għedt, kien hawn Inkwiżizzjoni qabel il-Konċilju ta' Trentu u warajh. It-tnejn jolqtuna?**

Iva, għax f'Malta kellna mit-tnejn. Proprju qabel il-Konċilju ta' Trentu, jew hekk kif bdew jiġu żviluppati u implimentati l-ideat ta' dan il-Konċilju, naraw kif l-Inkwiżizzjoni Medjevali, taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Isqof. Jiġifieri l-Isqfijiet, fid-djoċesijiet tagħhom għandhom responsabbiltajiet u dmirijiet biex isaħħu u jiddefendu l-fidi. Allura riedu jkunu Inkwiżituri tal-ħajja ta' kuljum tal-fidili, biex jaraw li qegħdin isegwu t-twemmin tagħhom b'dixxiplina u bla injoranza spiritwali.

**Iżda ssib min jirraġuna li l-poplu baqa' fl-injoranza għax il-Knisja żammitu hekk.**

Le, dan hu kunċett li beda jintqal fiż-żminijiet tar-Rivoluzzjoni Franċiża, fejn kienet attakkata li żammet lill-poplu injorant, mentri nsibu li kien hemm ordnijiet, bħall-Ordni tal-Ġiżwiti, li sehemhom proprju kien bħala missjunarji biex jgħallmu. Kienu dawn in-nies li fetħu l-iskejjel. Insibu wkoll lid-Dumnikani, li kienu l-ewwel nies li fetħu universitajiet fl-ibliet Medjevali tal-Ewropa.

Irridu nifhmu li meta poplu jkollu l-injoranza spiritwali, jirrenja d-dnub u minħabba f'hekk, il-poplu ried jitgħallem u jeduka ruħu, għax b'dak il-mod biss jista' jikkontrolla l-vizzji, jemmen fis-sħiħ u jifhem il-Kelma t'Alla.

Issa, qabel l-1574 kellna l-Inkwiżizzjoni jew ir-rwol ta' Inkwiżitur f'idejn l-Isqof ta' Malta. Hawn qed nitkellmu fuq l-Isqfijiet Cubelles u Royas, li servew bħala Isqfijiet u Inkwiżituri bl-awtorità li tahom il-Papa. Fl-1570 meta bdew ikunu implimentati r-regoli tal-Konċilju ta' Trentu, meta l-Knisja riedet tiġġieled lill-Protestantiżmu li beda jinxtered mal-Ewropa kollha, u beda jinħass l-effett tal-Luteriżmu anki f'Malta fl-istess perjodu, il-Papa ddeċieda li jibgħat Inkwiżitur magħżul minnu, li jieħu dawn ir-responsabbiltajiet mill-Isqof.

**U allura bdiet l-ewwel pika.**

Iva, nistgħu ngħidu hekk. Pika bejn l-Isqfijiet ta' Malta u l-Inkwiżituri, li ntbagħtu direttament minn Ruma, li kienu Isqfijiet ukoll, meqjusin bħala Nunzji Appostoliċi.

**Kemm-il sena kopriet l-Inkwiżizzjoni f'Malta?**

B'mod uffiċjali kellna lil Dusina, li ġie fl-1574 u l-aħħar wieħed Carpegna, li telaq mal-Ordni, li kien hawn fl-1798.

**X'hemm l-aktar interessanti fl-Inkwiżizzjoni?**

Bla dubju, il-Qorti. Iżda l-Inkwiżitur ma kellux biss ir-rwol ta' ġudizzju, iżda wkoll ta' diplomatiku, li jirrappreżenta lill-istat tal-Vatikan kull fejn ikun.

**Kien jagħmel xi ħaġa oħra b'risq l-uffiċċju tiegħu?**

Kien jara li kollox jitmexxa sew kemm mill-Isqof kif ukoll mill-Gran Mastru. Apparti dan, kien jiġbor il-fondi għar-reverenda fabrica, li bdiet bħala taxxa li kull Nisrani fid-dinja Kattolika, kien fid-dmir li jħalli parti mill-wirt tiegħu għar-reverenda fabrica, u l-flus imorru għall-bini tal-Vatikan.

Kienu jkunu parti mill-flus li jinġabru mill-knejjes u minn dawk in-nies li jħallu parti mill-wirt tagħhom lill-Knisja, bla ebda obbligazzjoni, u l-flus imorru direttament Ruma.

Għall-bidu, fis-seklu 17 il-flus kienu għall-bini tal-Vatikan, iżda wara ngħataw għall-bini ta' kulleġġi. Fl-Arkivju tal-Katidral fl-Imdina, għandna kopji tal-kontijiet kollha miġbura, b'mod rett, tal-flus li nġabru u ntbagħtu Ruma. L-istess flus ġieli ntużaw f'okkażjonijiet ta' tbatija f'Malta, b'mod li l-Knisja jew l-Inkwiżitur juru dover Nisrani lejn il-poplu. Tant, li ħafna mill-flus ħarġu minn dan il-fond matul il-pesta tal-1636, biex b'hekk reġgħu ġew investiti fil-ħtiġiet tal-poplu Malti.

**U l-Qorti?**

Dik kienet l-iktar ħaġa importanti tal-Inkwiżitur. Hemm kien hemm ġerarkija: Viċi Inkwiżitur, l-iskribi, il-gwardjani tal-Qorti u l-patentati, li kienu n-nies tal-Inkwiżitur. Kienu jingħataw ċertifikat li juri li l-ewwel ma kienu jaqgħu kien taħt l-Inkwiżitur, fejn anki jekk jagħmlu delitt ċivili, li kien hawn ħafna minnhom, kienu jaqgħu taħt il-Qorti tal-Inkwiżitur. Uħud minn dawn kienu sa jmorru jfesfsulu dak li jisimgħu.

Għar-rigward tal-Qorti tajjeb ngħidu li f'Malta kellna l-Inkwiżizzjoni Rumana u mhux Spanjola, li tagħmel differenza kbira fil-proċedimenti ta' deċiżjonijiet fil-Qorti. Hu fatt storiku li l-Inkwiżizzjoni Spanjola li kienet teżisti fi Sqallija, kellha l-fama li kienet iżjed iebsa minn dik Rumana.

Insibu li l-atteġġjament tal-Inkwiżituri Rumani kien ta' difensuri tal-fidi u biex ireġġgħu lura u jaħdmu għall-konverżjoni ta' dak li jkun. Tant ma kinux ibsin li mill-Arkivji jidher li l-persuni stess, fosthom id-dagħja, kienu jmorru jakkużaw lilhom infushom mal-Inkwiżitur, biex jagħtihom penitenza li tkun tfisser iktar qawwa minn tal-konfessuri fil-knejjes. Hemm min ma tax kas u kiel il-laħam nhar ta' Ġimgħa.

Fil-fatt, hemm każ kurjuż ta' persuna li stqarret li l-Ġimgħa kielet pastizz tal-laħam tal-fenek, iżda nstab li kellha l-parir tat-tabib biex tagħmel dan.

**Iżda dawn huma każi li jitqiesu bħala żgħar wisq, għax nafu li kien hemm ukoll it-tortura.**

Iva, iżda t-tortura kienet tintuża meta persuna li titressaq akkużata, ma tkunx trid tammetti u x-xhieda kollha kienu jkunu kontriha. Għalhekk ix-xogħol tal-Inkwiżitur kien ukoll li jiġbor ħafna xhieda. Minn dak li kien jintqal, u jinsab miktub, ix-xhieda kienu jidħlu f'dettalji ċari tal-karattru tal-individwu akkużat u l-fama pubblika tiegħu.

**Qatt ingħatat sentenza ta' mewt?**

Kien hemm sitta min-nies li ġew kundannati għall-mewt, iżda erbgħa minnhom ħarbu u tnejn inqatlu. Ma nqatlux direttament mill-Inkwiżitur iżda mill-Qorti tal-Ordni. Il-qtil sar fl-1575 u fl-1698. Għall-erbgħa li ħarbu xorta ngħatat il-mewt in absentia, jiġifieri fin-nuqqas tagħhom. Dan sar billi l-awtoritajiet kienu għamlu forom ta' pupazzi, kitbu isimhom fuqhom u tawhom in-nar quddiem l-ispettaturi li nġabru.

**U kien ikollhom ċans ta' appell?**

Iva, quddiem l-Inkwiżitur stess. L-Inkwiżitur kellu saħħa aktar mill-Isqof, tant li nsibu li l-Isqof Cagliares kien akkużat mill-Inkwiżitur u kellu jidher quddiemu għax waslitlu l-kelma li l-Isqof kien qed ixewwex kontrih. L-Isqof spiċċa priġunier fil-palazz tiegħu stess.

**Mela nistgħu ngħidu li l-Inkwiżitur kien il-kap ta' pajjiżna?**

Kellu l-ikbar poteri. Tant li meta beda l-istampar, kemm l-Isqof kif ukoll il-Gran Mastru riedu li kull pubblikazzjoni taqa' taħthom. Imbagħad daħal l-Inkwiżitur li ried li l-permess għall-pubblikazzjonijiet u l-kotba li jidħlu f'pajjiżna jsiru minnu. U għaddiet tiegħu, jiġifieri l-Inkwiżitur kellu awtorità superjuri u seta' jiċċensura.

Fl-1609, fil-Pjazza tal-Birgu naraw il-ħruq ta' 54 ktieb li xterdu fl-Ewropa u nġabru għax kienu pprojbiti skont il-listi tal-Vatikan. Dawn instabu Malta għand nies Kattoliċi u fosthom kien hemm Bibbji u kotba Protestanti.

**Allura x'nistgħu ngħidu li seħħ biex twieldet l-Inkwiżizzjoni?**

Twieldet mir-riżultat tat-taqbida li l-Knisja Kattolika għamlet kontra t-twemmin falz, li kien il-Protestantiżmu, jew aħjar l-informazzjoni żbaljata mxerrda minn persuni meqjusa barra mill-Knisja.

**U kif seta' beda diehel il-Protestantiżmu?**

Kien hawn Protestantiżmu f'ċerti Kavallieri, permezz ta' merkanti u twemmin Musulman li daħal mal-iskjavi. Dawn kienu elementi ta' twemmin falz li beda jixxerred mal-poplu. Kien hawn ukoll Maltin, imorru għand skjavi Musulmani biex jagħmlulhom magħmul fuq xi ħadd; għax fl-injoranza tagħhom, fejn it-talb ma kienx jasal, kienu jaqtgħuha li jmorru għand skjav li jaf reliġjon oħra.

Fil-fatt xhieda ta' dan, għandna karta twila ta' talb mill-iskrittura tal-Quran, dekorata b'mod impressjonanti, li ngħatat minn skjav lil ċertu Malti, li mbagħad induna li kien għamel ħażin u mar għand l-Inkwiżitur hu stess, jammetti kollox. U dawn l-oġġetti kollha nżammu mill-Inkwiżitur u għadhom jinstabu fl-Arkivju. Fosthom hemm ukoll biċċiet tax-xagħar li ngħataw għal xorti tajba; kappell magħmul mill-karta li sar minn saħħar lil Malti biex jużah f'ritwal biex iġiblu xi risq.

**Insibu xi ħaġa relatata mas-sħaħar?**

Hemm każ interessanti li dam għaddej mill-1625 u l-1628, fejn 40 saħħara kellhom jersqu quddiem l-Inkwiżitur, minħabba ritwali u taħlit (potions) u poeżiji bil-Malti. Fihom naraw l-ewwel kitbiet ta' Malti mitkellem mil-aktar nies baxxi u safi.

Mill-istudju ta' dawn il-każi jkollna elementi li ma nkunux qed nistennewhom, mhux mil-lat tal-kawża iżda xi partikularitajiet. Pereżempju stabbilejna d-data ta' meta Caravaggio kien Malta, permezz ta' każ fl-Inkwiżizzjoni.

Fl-1607 kien xhud f'każ partikulari. Jiġifieri meta wieħed ikun jistudja, mhux il-każ l-aktar li jolqtu, iżda li kien hemm dan il-persunaġġ u d-data għenitna nestabbilixxu meta fil-verità kien hawn... u mexxejnieha ftit lura, għax qabel ippruvajna nestabbilixxu d-data mill-pittura tiegħu, iżda issa sibna d-dati reali.

**X'naraw bħala tibdil li sar maż-żmien fl-Inkwiżizzjoni?**

Naraw li l-każi nbidlu max-xejra u l-kuntest storiku. Fil-bidu, l-akbar ġlieda kienet kontra l-Protestantiżmu u t-tagħlim Musulman, iżda mbagħad naraw li fis-Seklu 18 kellna każi relatati mal-Mażunerija, li bdiet tinxtered ma' bosta Kavallieri ta' San Ġwann.

Fl-Arkivju nsibu d-deskrizzjoni tas-swali fejn kienu jiltaqgħu l-mażuni, tal-bibien li kien ikollhom, it-tapezzerija, tal-oġġetti li kienu jintużaw f'ċerti riti. Ħafna drabi l-membri kienu jkunu Kavallieri. Il-Maltin kienu jkunu msieħbin minħabba li kienu ta' xi klassi soċjali, bħal nobbli, kaptani u nies b'responsabbiltajiet kbar u rwoli fil-Gvern. Wieħed minnhom kien l-Avukat Giovanni Nicolò Muscat, li kien l-Avukat Ġenerali tal-Gran Mastri de Rohan u Hompesch. Hu kien spiċċa attakkat ferm mill-Inkwiżitur.

U fil-kopji tal-korrispondenza li għandna, għax l-Inkwiżitur kien jibgħat l-oriġinal lill-Papa u jżomm kopja għalih, insibu li l-Avukat Ġenerali qal b'mod pubbliku, lejn it-tmiem tal-1700, li r-renju tal-Knisja Kattolika spiċċa. Li m'għadx hemm post għar-Reliġjon Nisranija f'dan il-kuntest.

**U meta jidhru quddiem l-Inkwiżitur, il-Maltin kienu l-aktar fin-numru?**

Iva, minħabba t-tipi ta' każi, fosthom id-dagħa u l-infedeltà. Iżda l-każi tal-infedeltà kienu jintbagħtu fil-Qorti tal-Isqof, għax hemm m'hemmx il-ksur tal-elementi tal-fidi.

Minn dawn kien hemm ħafna u ħafna Maltin tal-baħar, fosthom kaptani, li kienu jkunu akkużati mill-ekwipaġġ.

Għandna lill-kursar popolari Zelalich, li kien devot ta' San Nikola, iżda kull darba li tiġrilu xi ħaġa ħażina fuq il-baħar, mhux biss kien jidgħi bih, iżda kellu santa fuqu, li kien jitfagħha mal-art u jsabbat fuqha. Kien ukoll iżomm ikona ta' San Nikola u meta jirrabja kien isawwatha b'bastun.

B'mod reċenti, fl-Arkivju Notarili; u dan hu s-sabiħ li tqabbel dak li ssib f'Arkivju ma' ieħor, għandna l-każ ta' baħħar partikulari, Pietro Stellini, li fl-Arkivju Notarili nstabet l-avventura ta' dan il-baħħar, li jgħid li meta kien qed jegħreq fl-1794, ra viżjoni tal-Madonna tal-Karmnu u mbagħad spiċċa skjav. Insibu wkoll ħafna korrispondenza biex jippruvaw iġibuh lura, għax kiteb żewġ ittri; waħda lil ommu jgħidilha li kollox sew, u l-ittra l-oħra lil martu, jgħidilha li dejjem xtaqet teħles minnu, li kienet toboghdu u issa ħelset minnu u jakkuża lilha u lil ħutha u jtenni li m'hemmx agħar minnhom u li s-saħta ġabuhielu huma. Fl-aħħar itemm jikteb: "selluli għat-tfal".

**Imma allura kif spiċċaw fl-Arkivju Notarili?**

Minħabba li dan il-każ kien involva ħafna nutara minħabba l-wirt. Il-wirt ta' dan il-bniedem, li l-mara mill-ewwel qed tgħid li hi trid tieħu sehemha; l-omm, li ma tridx tagħtiha sehemha u x-xhieda li hu għadu ħaj.

Imbagħad fl-Arkivju tal-Inkwiżizzjoni naraw it-tieni nofs tal-istorja, fejn, prattikament dan il-bniedem mhux talli ġie lura iżda fl-1797 spiċċa quddiem l-Inkwiżitur minħabba d-dagħa. U kieku ma kienx għal dan il-każ, ħadd ma kien ikun jaf li ġie lura Malta.

**Hawn Maltin li jinteressaw ruħhom u jfittxu f'dan l-Arkivju?**

Dażgur u nista' nsemmi ftit minnhom, li ħarġu bosta kotba. Kellna lill-Professur Carmel Cassar, Dr William Zammit, il-Professur Frans Ciappara, is-Sur Victor Bonnici u Patri Alessandru Bonnici. Dan l-arkivju għenhom fil-pubblikazzjoni ta' bosta kotba, li huma riferiment għal kull min jixtieq jistudja dan il-perjodu.

**Kemm kien idum f'Malta kull Inkwiżitur?**

Dawn kienu jdumu bejn tlieta u erba' snin. Ġieli kien imur lura l-Vatikan, ġieli jintbagħat f'xi post ieħor u kellna żewġ Inkwiżituri li saru Papiet. Dawn kienu l-Inkwiżituri Fabio Chigi (1634 -1639) li sar Papa Alessandru VII u Antonio Pignatelli (1646-1649) li sar Innoċenzu XII.





"Għar-rigward tal-Qorti tajjeb ngħidu li f'Malta kellna l-Inkwiżizzjoni Rumana u mhux Spanjola, li tagħmel differenza kbira fil-proċedimenti ta' deċiżjonijiet fil-Qorti. Hu fatt storiku li l-Inkwiżizzjoni Spanjola li kienet teżisti fi Sqallija, kellha l-fama li kienet iżjed iebsa minn dik Rumana

